

Brussell, 30 ta' Awwissu 2023
(OR. en)

12500/23

ENT 183
MI 700
COMPET 825
TELECOM 252
ECO 61
DELECT 124

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Awwissu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 4823 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 20.7.2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/30 fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali għat-tagħmir tar-radju u li jikkoreġi dak ir-Regolament

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 4823 final.

Mehmuż: C(2023) 4823 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.7.2023
C(2023) 4823 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 20.7.2023

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/30 fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni
tar-rekwiżiti essenzjali għat-tagħmir tar-radju u li jikkoreġi dak ir-Regolament**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Id-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju 2014/53/UE¹ (minn issa 'l quddiem imsejħa RED) tistabbilixxi qafas regolatorju għat-tqegħid tat-tagħmir tar-radju fis-Suq Uniku. Dan jikkonċerna l-kundizzjonijiet obbligatorji ta' aċċess għas-suq tat-tagħmir tar-radju. Id-Direttiva RED tkopri t-tagħmir elettriku u elettroniku li jista' juża l-ispettru tar-radju għall-finijiet ta' komunikazzjoni u/jew determinazzjoni tar-radju. L-Istati Membri, permezz tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq taqgħhom, għandhom jieħdu miżuri korrettivi fuq it-tagħmir tar-radju mhux konformi.

L-Artikolu 3 tal-RED jistabbilixxi r-rekwiżiti essenzjali li għandu jikkonforma magħhom it-tagħmir tar-radju mqiegħed fis-suq tal-Unjoni. L-Artikolu 3(1)(a) jistabbilixxi r-rekwiżit essenzjali b'rabta mas-saħħa u s-sikurezza, l-Artikolu 3(1)(b) jistabbilixxi r-rekwiżiti essenzjali b'rabta mal-kompatibbiltà elettromanjetika u l-Artikolu 3(2) jistabbilixxi r-rekwiżiti essenzjali b'rabta mal-użu effettiv u effiċjenti tal-ispettru tar-radju. Barra minn hekk, l-Artikolu 3(3) jipprevedi rekwiżiti essenzjali addizzjonali, li japplikaw għal dawk il-kategoriji jew il-klassijiet ta' tagħmir tar-radju speċifikati f'atti delegati relatati tal-Kummissjoni.

Fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali tal-RED li huma stabbiliti fl-Artikolu 3(3), l-ewwel subparagrafu, il-punti (d), (e) u (f), il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat (UE) 2022/30. Dak ir-Regolament Delegat ġie adottat fid-29 ta' Ottubru 2021, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2022 u se jsir applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2024.

Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022)5637², il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) biex jiġu abbozzati standards armonizzati ġodda b'appoġġ għall-Artikolu 3(3), l-punti (d), (e) u (f) tal-RED, għall-klassijiet u għall-kategoriji tar-radju speċifikati mir-Regolament Delegat (UE) 2022/30³.

L-għan ta' dan ir-regolament delegat huwa li l-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2022/30 tiġi differita sabiex l-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni jkun jista' jkollhom biżżejjed żmien biex jindirizzaw kif xieraq il-kwistjonijiet kumplessi u l-problemi li jiltaqgħu magħhom fir-rigward tat-thejjja tal-istandards armonizzati rilevanti.

Barra minn hekk, se jiġi kkoreġut żball li nstab, fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/30, fir-rigward tal-espressjoni "*data* dwar it-traffiku u *data* dwar is-sit", li għandha tinqara "*data* dwar it-traffiku jew *data* dwar is-sit".

¹ Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2022)5637 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika fir-rigward tat-tagħmir tar-radju b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/30.

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/30 tad-29 ta' Ottubru 2021 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 3(3) ta' dik id-Direttiva ([ĠU L 7, 12.1.2022, p. 6](#)).

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-konsultazzjoni tal-grupp ta' esperti dwar it-tagħmir tar-radju (E03587) seħħet fit-30 ta' April 2023. L-esperti tal-Istati Membri ġew ikkonsultati wkoll fit-30 ta' Mejju 2023. L-esperti tal-Istati Membri approvaw l-abbozz tal-att b'mod unanimu.

Tnediet pubblikazzjoni formali ta' erba' ġimgħat għall-feedback. Il-konsultazzjoni kienet miftuħa għaċ-ċittadini u għall-partijiet ikkonċernati kollha, mingħajr l-ebda restrizzjoni⁴. L-għadd finali ta' kontributi li waslu kien 45. Il-profil tal-pajjiż tar-rispondenti kien kif ġej:

Fl-Unjoni Ewropea: l-ikbar numru ta' tweġibiet ġew mill-Ġermanja (15) u l-Belġju (13); il-bqija tat-tweġibiet ġew minn Franza (4), id-Danimarka (2), l-Italja (2), Spanja (1), is-Slovakkja (1), l-Ungerija (1), l-Irlanda (1), il-Finlandja (1) u l-Greċja (1).

Barra mill-Unjoni Ewropea: Intbagħtu erba' kontribuzzjonijiet minn barra l-Unjoni Ewropea (waħda mill-Iżvizzera, waħda mill-Ġappun, waħda mit-Tajwan u oħra mir-Renju Unit).

Il-profil tat-tipi ta' rispondenti kien kif ġej:

L-industrija (il-maġġoranza tal-kontribuzzjonijiet): 36 kontribuzzjoni.

Ċittadini tal-UE: erba' kontribuzzjonijiet.

Assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi: żewġ kontribuzzjonijiet.

Ċittadin mhux tal-UE: feedback wieħed.

Entitajiet oħra: żewġ kontribuzzjonijiet.

Wara l-valutazzjoni ta' dawn il-kontributi kollha, ġie konkluż li mhuwiex meħtieġ li l-abbozz tal-att jiġi mmodifikat, għar-raġunijiet spjegati hawn taħt:

Uħud mir-rispondenti huma mħassba dwar in-nuqqas ta' sigurtà tal-apparati mingħajr fili fl-Unjoni Ewropea illum il-ġurnata u l-ħtieġa li l-manifatturi jiġu obbligati jimplimentaw miżuri taċ-ċibersigurtà b'mod urġenti. F'dan ir-rigward, in-nuqqas ta' standards armonizzati rilevanti jikkompjika bil-wisq il-proċess tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE relatati maċ-ċibersigurtà. Jekk jeżistu standards armonizzati bħal dawn, il-manifatturi se jkunu jistgħu jwettqu awtovalutazzjoni u jekk ikunu involuti, il-korpi notifikati jistgħu jużawhom bħala punt ta' riferiment.

Xi rispondenti oħra ssuġġerew li jkun hemm dewmien akbar. L-estensjoni f'dan ir-regolament delegat hija madankollu tweġiba għat-talba tas-CEN u s-CENELEC u ma hemm l-ebda raġuni ġustifikata biex wieħed imur lil hinn minn dan. Il-Kummissjoni ddeċidiet li ssib bilanċ sabiex tiżgura l-prestazzjoni bla xkiel tas-suq tal-UE, għalhekk l-estensjoni ġiet adattata b'tali mod li l-istandards armonizzati rilevanti jkunu disponibbli qabel l-applikabbiltà tar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti.

Il-fatt li fil-fehma tagħhom, ċerti laboratorji huma diġà preparati, mhuwiex inkompatibbli ma' din l-estensjoni minħabba li ma jfixkilx lill-manifatturi milli jikkonformaw mar-rekwiżiti minn qabel.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-objettiv ta' dan ir-regolament delegat huwa li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/30, sabiex jiddifferixxi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu, u jikkoreġi żball.

⁴ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13847-Cybersecurity-privacy-and-fraud-protection-extending-the-application-date-Radio-Equipment-Directive-delegated-act/feedback_mt?p_id=32158722

Ir-regolament delegat ma għandu l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 20.7.2023

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/30 fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali għat-tagħmir tar-radju u li jikkoreġi dak ir-Regolament

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 3(3), l-ewwel subparagrafu, il-punti (d), (e) u (f) tal-ewwel subparagrafu t tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2014/53/UE tistabilixxi qafas regolatorju għat-tagħmir tar-radju biex ikun jista' jitqiegħed fis-suq u jintuża fl-Unjoni. Ir-rekwiżiti essenzjali għal dan it-tagħmir huma stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva.
- (2) Fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE li huma stabbiliti fl-Artikolu 3(3), l-ewwel subparagrafu, il-punti (d), (e) u (f), il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat (UE) 2022/30⁶, li jispjefika liema kategoriji jew klassijiet tat-tagħmir tar-radju huma kkonċernati minn kull wieħed minn dawk ir-rekwiżiti essenzjali u li għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2024.
- (3) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2022)5637⁷, il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) għall-abbozzar ta' standards armonizzati ġodda b'appoġġ għall-Artikolu 3(3), l-ewwel subparagrafu, il-punti (d), (e) u (f) tad-Direttiva 2014/53/UE, għall-kategoriji u għall-klassijiet tat-tagħmir tar-radju speċifikati mir-Regolament Delegat (UE) 2022/30 sat-30 ta' Settembru 2023.
- (4) Il-kwistjonijiet li jeħtieġ jiġu indirizzati mill-istandards armonizzati li jitħejjew b'appoġġ għar-rekwiżiti essenzjali u li se jsiru applikabbli mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2022/30, huma kumplessi ħafna. Dawn huma relatati maċ-ċibersigurtà, jiġifieri l-protezzjoni tan-network, tad-*data* personali u tal-privatezza u l-protezzjoni mill-frodi, b'appoġġ għall-Artikolu 3(3), l-ewwel subparagrafu, il-punti

⁵ ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62.

⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/30 tad-29 ta' Ottubru 2021 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 3(3) ta' dik id-Direttiva (ĠU L 7, 12.1.2022, p. 6).

⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2022)5637 tad-5 ta' Awwissu 2022 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika fir-rigward tat-tagħmir tar-radju b'appoġġ għad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/30.

- (d), (e) u (f) tad-Direttiva 2014/53/UE. Barra minn hekk, din hija l-ewwel darba li qed jiġu żviluppati standards armonizzati fir-rigward tal-protezzjoni tan-network, tad-*data* personali u tal-privatezza u l-protezzjoni mill-frodi u għall-kategoriji u għall-klassijiet tat-tagħmir tar-radju speċifikati mir-Regolament Delegat (UE) 2022/30. Is-CEN u s-CENELEC talbu estensjoni tal-perjodu speċifikat fit-talba, għal mill-inqas 9 xhur, sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw il-kwistjonijiet kumplessi u l-problemi li ltaqgħu magħhom fir-rigward tat-tnejjja tal-istandards armonizzati rilevanti u biex jipprovdu standards armonizzati ta' kwalità għolja.
- (5) Għalkemm l-użu ta' standards armonizzati skont il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2014/53/UE mhuwiex obligatorju, in-nuqqas ta' standards armonizzati jikkompjika bil-wisq il-proċess tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Għalhekk jixraq li jiġi estiż il-perjodu għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE li huma stabbiliti fl-Artikolu 3(3), l-ewwel subparagrafu, il-punti (d), (e) u (f) sabiex l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni jkun jistgħu jingħataw biżżejjed żmien biex jiżviluppaw standards ta' kwalità għolja.
- (6) Instab żball fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/30, fir-rigward tad-deskrizzjoni tad-*data* li t-tagħmir tar-radju jeħtieġ li jkun kapaċi jipproċessa. Jenħtieġ li dak l-iżball jiġi kkorreġut.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2022/30 jiġi emendat u kkoreġut skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament Delegat (UE) 2022/30

Fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/30, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2025.”

Artikolu 2

Korrezzjoni għar-Regolament Delegat (UE) 2022/30

Fl-Artikolu 1(2), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/30, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

“2. Ir-rekwiżit essenzjali stabbilit fil-punt (e) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/53/UE għandu japplika għal kwalunkwe tagħmir tar-radju li ġej, jekk dak it-tagħmir tar-radju jkun kapaċi jipproċessa, skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, id-*data* personali, kif definita fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, jew id-*data* dwar it-traffiku jew id-*data* dwar is-sit, kif definit fl-Artikolu 2, il-punti (b) u (c) tad-Direttiva 2002/58/KE.”.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20.7.2023

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*